MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 86/2011

**Cuschieri Brothers Aluminium Limited**
**(C – 23966)**
**vs**

**Bajja Developments Limited**
**U**
**B’digriet tat-3 ta’ Mejju, 2011, giet imsejha fil-kawza s-socjeta` kummercjali Bajja Investments Limited**
**(C – 13745)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-28 ta’ Jannar, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament talbet is-segwenti:

1. Illi in vista li l-ammont minnha rikjamat hu ammont likwidu, cert u dovut, il-procedura tinstema’ bid-

dispensa tas-smiegh a tenur tal-artiklu 167, *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi s-socjeta` ntimata tigi kkundannata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ mija u seba’ u tletin elf, tlett mija u hamsa u sittin Ewro, (€137,365.00);

3. Bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors promotur fuq indikat;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 ta’ Frar, 2011, li permezz tieghu, wara li semghet ix-xhieda prodotta, iddekretat li s-socjeta` ntimata ghandha eccezzjonijiet x’taghti u akkordat it-terminu hemm indikat biex din tipprezenta r-risposta guramentata taghha;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` ntimata fuq indikata datata l-11 ta’ Marzu, 2011, li permezz taghha sintetikament wiegbet:

1. Illi hi mhix il-legittimu kontradittur, m’ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fil-meritu, s-socjeta` rikorrenti m’ghandhiex tiehu l-ammont minnha rikjamat fir-rikors promotur;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

Rat ir-rikors sussegwenti tas-socjeta` rikorrenti datat is-7 t’April, 2011, li permezz tieghu talbet il-kjamata in kawza tas-socjeta` Bajja Investments Limited;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 t’April, 2011, li permezz tieghu giet ordnata n-notifika tal-kontro-parti fejn giet ukoll moghtija z-zmien hemm indikat ghar-risposta;

Rat ir-risposta tas-socjeta` ntimata datata s-26 t’April, 2011, li permezz taghha sintetikament:

1. Opponiet ghall-kjamata in kawza mitluba;

2. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti qed issir stante li rrealizzat li l-kawza odjerna nfethet kontra socjeta` li ma kellha l-ebda relazzjoni guridika maghha;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-3 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu wara li ddikjarat li rat id-digriet precedenti taghha u r-risposta, laqghet it-talba;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-11 t'April, 2012, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jaqblu li l-intaxxar tal-kawza de quo ghandu jkun fuq l-ammont ta' tlieta u hamsin elf Ewro, (€53,000.00), (ara fol 62);

Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;

Ikkonstatat li l-partijiet qabblu fuq il-meritu tal-vertenza u l-kontenzjoni rimanenti bejniethom tirrigwarda biss il-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidrat:

1. Illi jirrizulta li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti ghal xoghlijiet fil-lukanda Le Meridien f'San Giljan;

2. Illi ghalkemm saru diversi tentattivi qabel ma nbdiet il-procedura odjerna biex is-socjeta` rikorrenti tithallas dak lilha hekk dovut, dan kien kollu ghalxejn;

3. Illi l-progress riskontrat sar biss wara li giet intavolata l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi *di piu`* jirrizulta wkoll li s-socjeta` kjamata in kawza fuq indikata baqghet ma rrispondietx ghat-talbiet meritu tal-

procedura u konsegwentement qieghda fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante t-tentattivi ta' transazzjoni s-socjetajiet intimata u dik kjamata in kawza baqghu ma waslux ghal ftehim fuq il-kap tal-ispejjez – ghalkemm intlahaq ftehim fuq il-meritu veru u proprju involut;

Ikkunsidrat:

Illi r-raguni li xprunat il-procedura odjerna hi l-prokrastinar fil-pagamenti dovuti da parti tas-socjeta` ntimata u dik kjamata in kawza wara li s-socjeta` rikorrenti espletat l-inkarigi lilha moghtija fl-imsemmija lukanda;

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li huma s-socjetajiet intimata u dik kjamata in kawza fuq indikati li ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez processwali nvoluti;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, tikkundanna lis-socjeta` ntimata Bajja Developments Limited u lis-socjeta` Bajja Investments Limited kjamata in kawza biex *in solidum* jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez processwali nvoluti, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja tat-23 t'Ottubru, 2010, kif mitlub fl-istess rikors promotur.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------